**FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**SEDE KOSTITUZZJONALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.**

**Illum, il-Gimgha, 25 ta' Novembru, 2022**

**Rik. Nru. 472/2022 ISB**

**Repubblika (VO 1670)**

**Vs**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat u hadet konjizzjoni tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-24 ta' Novembru 2022, minn fejn jirrizulta illi l-atti ta' din il-kawza ntbghatu lura quddiem din il-Qorti sabiex din il-kawza tinstema' b'urgenza.

Rat illi l-kawza tinsab differita quddiem din il-Qorti ghat-30 ta' Jannar 2022 ghall-informazzjoni ulterjuri.

Tiehu nota ta' dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali, u tikkwota partikolarment is-segwenti siltiet:

> *Mir-raba' talba tar-rikors promotur hu car x'inhu r-rimedju ahhari li qieghda tfittex l-appellata, dak li titnehha l-Magistrat Lia mill-procedura ta' sfida u tigi sostitwita b'Magistrat iehor. Rimedju li effettivament inghata fid-decizjoni appellata.*

> *Ovvjament jekk dak li ordnat l-Ewwel Qorti jitwettaq f'dan l-istadju meta lanqas bdew jinstemgħu provi fil-kawża, ser ifisser li l-każ ta' sfida jibda jinstema' u jiġi deċiż minn Maġistrat ieħor. Hu ċar li r-rimedju prinċipali li qiegħda tfittex l-appellata fil-kawża hu li l-każ ta' sfida jiġi assenjat lill-Maġistrat differenti. Bid-digriet tad-19 ta' Ottubru 2022, ir-rimedju nghata qabel il-kawza bdiet tinstema'.*
>
> *It-talba ghall-hrug ta' ordni provizorja m'ghandha lanqas isservi sabiex Qorti taghti xi fehma dwar il-meritu tal-kawza li jkollha quddiemha. Li wiehed jippretendi li Qorti tippronunzja ruhha b'xi mod dwar il-meritu f'dan l-istadju bikri tal-kawza kostituzzjonali, hu zbaljat.*[1]

Issa din il-Qorti thoss illi dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali jista' jigi mfisser fis-sens illi din il-Qorti, kif preseduta, diga` tat rimedju effettiv u definittiv b'mod prematur qabel is-smigh tal-kawza fil-mertu, esprimiet ruha fuq il-mertu fi stadju bikri tal-proceduri u li setghet kienet zbaljata illi ghamlet dan.

Illi dan jifta' piz fuq din il-Qorti kif preseduta u **dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali ma jistghax jghaddi inosservat, u fuq kollox, irid jigi rispettat.**

Issa, il-Qorti fliet l-Artikoli tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta relattivi ghar-rikuza u/jew astensjoni ta' gudikant. L-**Artiklu 734(1)(d)(ii)** jghid hekk:

> *L-imħallef jista' jiġi rrikużat jew jista' jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża –*
>
> *Jekk il-kawża kienet ġa ġiet quddiemu bħala Imħallef jew bħala arbitru:*
> *Iżda dan ma jgħoddx għal deċiżjoni, mogħtija mill-imħallef, meta ma tkunx qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas għal sentenza li teħles ab observantia,*

Huwa minnu illi s-sentenza *in parte* moghtija minn din il-Qorti fid-19 ta' Ottubru 2022 ma qatghetx definittivament il-mertu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, tant illi l-Qorti Kostituzzjonali baghtet l-atti lura sabiex proprju isir dan. Dik kienet sentenza *in parte* u l-Qorti hemmek ghamlitha cara illi ma kinitx qed tiddeciedi l-mertu fid-decizjoni *in parte* minnha moghtija.

---

[1] Sottolinear tal-Qorti ghall-emfasi

B'dana kollu, din il-Qorti kif preseduta thoss illi l-espressjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, u cioe`, illi in effetti, id-decizjoni ta' din il-Qorti tad-19 ta' Ottubru 2022, wasslet biex effettivament inghata r-rimedju effettiv illi kien mitlub fir-rikors promotur; ukoll, illi dan sar qabel ma' din il-Qorti semghet il-kawza fil-mertu u li l-Qorti esprimiet ruha dwar il-vertenza fi stadju bikri tal-kawza – jitfa' piz akbar fuq il-gudikant sedenti, li jrid jassigura illi l-gustizzja mhux biss issir imma tidher illi qed issir u jassigura ukoll illi hu jagixxi b'integrita' kif minnhu mistenni.

Ghall-Imhallef sedenti, ghalhekk jiskatta l-applikabilita' tal-Artikolu 734(1)(d)(ii) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu, bbazat fuq dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali, din il-Qorti, bis-sentenza parzjali taghha tad-19 ta' Ottubru 2022, hija tat ir-rimedju effettiv mitlub fil-mertu qabel il-waqt – u allura, din il-Qorti kif preseduta, esprimiet ruha fuq il-mertu.

Il-Qorti tqis illi b'dak deciz, jkun pacifiku jinghad illi l-Imhallef sedenti jista' jitqies illi esprima ruhu fuq ir-rimedju effettiv u finali mitlub fil-mertu tal-kawza u ghalhekk, moqri l-provvediment tal-ligi kkwotat u mpoggi fil-kuntest ta' dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali, ghandu jkun pacifiku jinghad illi iva, ma nghatatx sentenza definittiva, imma dik parzjali, fi kliem il-Qorti Kostituzzjonali, tista' titqies illi tat ir-rimedju definittiv kif mitlub u allura l-Qorti kif preseduta esprimiet ruha diga' fuq it-talba finali maghmula f'din il-vertenza.

Il-konsiderazzjonijiet maghmula fis-sentenza *in parte* tad-19 ta' Ottubru 2022 japplikaw ugwalment ghall-gudikant hawnekk presedenti u certament illi jkun xieraq, fl-ahjar interess tat-trasparenza u tal-gustizzja, liema gustizzja trid mhux biss issir imma tidher illi qed issir tul il-kors kollu tal-process, illi jkun hemm l-astensjoni tal-gudikant odjern mill-proceduri de quo.

Dan mhux qed isir b'mod legger u l-Imhallef sedenti haseb fit-tul imma fl-istess hin ried jiddeciedi minghajr telf ta' zmien minhabba l-urgenza illi l-kawza trid tinstema' biha.

L-Imhallef sedenti huwa konxju illi hemm obbligu tal-gudikant li lilu tigi assenjata kawza sabiex jismaghha. Il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk fil-kawza **Onor. Imhallef Dr Anton Depasquale vs Avukat Generali**[2]

> *Ghalhekk imhallef li nghata l-poter in generali mill-ligi li jiddeciedi hu stess jekk ghandux jkompli jisma' jew le kawza, mhix, per se, raguni li taghmlu parti fil-kawza. Hu m'ghandu ebda interess personali li jisma' l-kawza imma l-interess tieghu hu biss wiehed processwali li jara li ma jastjeniex u ma jilqax eccezzjoni tar-*

[2] 736/00 deciza 5.10.2001

> *rikuza "<u>ove non concorra qualcuno dei motivi stabiliti dalla legge</u>" Mortara.*

L-istess sentenza fuq kkwotata ghamlet ukoll referenza ghas-sentenza tal-Qorti Civili Prim Awla fl-ismijiet **Onor. Sen. G. Strickland vs Avv. Dr. E. Mizzi,** deciza fis 17 ta' Lulju 1934;

> *Pero' il giudice nostro gode un arbitrio discrezionale il piu' ampio, in quanto che, benche' costretto da leggi positive, egli e' il solo arbitro della conformita' o meno dei proprii atti a tali leggi, e la sua sentenza in proposito e' inappellabile ed insindacabile…*

Huwa f'dan l-isfond illi l-gudikant odjern qed juza d-diskrezzjoni tieghu, ukoll sabiex jassigura t-trasparenza tal-process gudizzjajru u jassigura ukoll is-serenita' illi hemm bzonn, fuq kollox biex tigi determinata kwistjoni illi l-Qorti Kostituzzjonali ukoll hasset illi kellha ssejhilha u tiddiskreviha bhala "*sensittiva*".

L-Imhallef sedenti jhoss illi huwa applikabbli, ghar-ragunijiet hawn fuq sollevati, il-provvediment tal-Artikolu 734(1)(d)(ii) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk, in kwantu illi jikkonkorru elementi illi jistghu jwasslu ghar-rikuza u/jew astensjoni, qieghed juza' d-diskrezzjoni tieghu billi japplikha fl-isfond ta' dak li gie espress mill-Qorti Kostituzzjonali.

L-Imhallef sedenti ma jridx jabdika mir-responsabbilita' tieghu, izda minn naha l-ohra jrid jassigura illi din il-kawza tigi deciza b'mod ekwu u giust u fuq kollox skond il-ligi – u ma jidhirx illi l-Imhallef sedenti jista' jiggarantixxi dan una volta illi issa huwa meqjus, taqbel jew ma taqbilx, illi huwa esprima ruhu fuq ir-rimedju effettiv mitlub fil-mertu tal-kawza.

Il-Qorti kif preseduta tqis ukoll dak li qalet hi stess fid-decizjoni taghha tad-19 ta' Ottubru 2022, fejn kien hemm insistenza ta' din l-istess Qorti kif preseduta illi kull process gudizzjarju ghandu jkun trasparenti u kull gudikant ghandu jkun seren fix-xoghol u d-decizjoni tieghu. Hemmek saret referenza ghas-segwenti bran:

> *It is a basic principle of English Law that a judge should not sit to hear a case in which a fair-minded and informed observer, having considered the facts, would conclude that there was a real possibility that s/he was biased………….The concept of bias includes any personal interest in the case or friendship with the participants, but extends further to any real possibility that a judge would approach a case with a closed mind, or, indeed, with*

> *anything other than an objective view, a real possibility, in other words, that s/he might have prejudiced the case.*[3]

Il-Qorti, kif preseduta, hija konxja mill-fatt illi l-provi li tressqu quddiemha u li wassluha biex inghatat is-sentenza *in parte* tad-19 ta' Ottubru 2022, huma, veru provi mressqa fuq livell *prima facie*, imma huma ukoll provi, (ghax gja kien gie hekk dikjarat), illi ser iservu ghall-mertu. U allura huwa pacifiku jinghad illi l-Qorti kif preseduta gja esprimiet ruha fuq fatti li gja rrizultaw imma illi ser ikunu ugwalment applikabbli ghall-mertu tal-kaz. Aghar minn hekk, gie issa meqjus illi s-sentenza *in parte* tad-19 ta' Ottubru 2022 kienet espressjoni tal-Qorti dwar ir-rimedju effettiv illi r-rikorrenti qed jitlobu fil-mertu.

U gja la darba hekk deciz, l-Imhallef sedenti ihoss illi jekk ikompli jisma' l-kaz hu jista' jigi trasmess, - mhux ghax hekk hu imma ghax jista' jkun mqarr hekk percepit, - il-messagg illi huwa ser ikun qed jiddeciedi mertu, talba, illi gja esprima ruhu fuqha. Dan, l-Imhallef sedenti ihoss firmament li m'ghandux ikun.

Li l-Imhallef sedenti, ghalhekk, jkompli jisma' hu l-kawza 472/2022, ikun, fl-umli fehma ta' dan l-Imhallef, ifisser, illi hu stess ma jsegwix l-insenjamenti u l-hsibijiet tieghu stess stabbiliti fis-sentenza *in parte* tad-19 ta' Ottubru 2022 – u dan certament illi ma ghandux isir u l-Imhallef sedenti ma jridx illi dan jigri.

Dan qed jigi deciz f'gieh is-serjeta' u l-integrita' tal-gudikatura, fejn ghandu jkun dejjem assigurat illi l-gustizzja mhux biss issir imma tidher illi qeghda ssir. Jinhass illi dan il-principju jista' jittappan jekk l-Imhallef sedenti jibqa' jippresjiedi l-kaz hu fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet maghmula u tal-fatt illi gie stabbilit mill-Qorti Kostituzzjonali illi r-rimedju moghti bis-sentenza *in parte* tad-19 ta' Ottubru 2022 jista' jigi mfisser illi nghata r-rimedju ahhar u effettiv, kif hawn fuq spjegat.

F'gieh l-integrita', l-Imhallef sedenti jhoss illi s-sewwa jirrikjedi illi huwa jastjeni milli jkompli jisma' l-kawza odjerna.

> *Integrity is the attribute of rectitude and righteousness. The components of integrity are honesty and judicial morality. A judge should always, not only in the discharge of official duties, act honourably and in a manner befitting the judicial office, and be free from fraud, deceit and falsehood, and be good and virtuous in behaviour and in character. There are no degrees of integrity*

3 Porter vs Magill (2002)

*as so defined. Integrity is absolute. In the judiciary, integrity is more than a virtue; it is a necessity.*[4]

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti kif preseduta u allura l-Imhallef sottofirmat qieghed:

a) Jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza 472/2022;

b) Jibghat l-atti lir-Registratur tal-Qorti sabiex il-kawza titqieghed fuq il-lista tal-kawzi ta' din il-Qorti kif diversament preseduta, filwaqt illi tfakkar illi hemm l-ordni tal-Qorti Kostituzzjonali illi din il-kawza ghandha tinstema' b'urgenza;

c) Tordna lill-istess Registratur jikkomunika dan id-digriet lill-Avukat tal-Istat u lill-Avukat Jason Azzopardi ghar-rikorrenti.

**Digriet kamerali moghti llum 25 ta' Ottubru, 2022.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**

[4] **COMMENTARY ON THE BANGALORE PRINCIPLES OF JUDICIAL CONDUCT**, The Judicial Integrity Group, March 2007, para 101